MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 88/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francesca Zammit**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francesca Zammit talli fil-25 ta’ Settembru 2010, bhala bejjiegha waqt l-attivita` ta’ Zejt iz-Zejtun – Zejtun, provdiet jew offriet li tipprovdi lil persuna ohra u/jew esponiet ghall-bejgh oggetti waqt li kienet sprovvista minn cash register fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi  ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda ta’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u l-artikoli 51, 77(o) u 82 ta’ l-istess Att;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Frar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 51, 77(o) u 82 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmija Francesca Zammit hatja ta’ l-imputazzjoni u kkundannatha multa ta’ seba’ mitt euro (€700);

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Francesca Zammit pprezentat fit-23 ta’ Frar 2011 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tghaddi biex tilliberha minn kull akkuza;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni tal-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta’ l-appellanti huwa li l-attivita` li kienu qeghdin jizvolgu hi u habibitha l-voluntiera l-ohra ma tinkwadrax fil-parametri ta’ l-artikolu 5 ta’ l-Att dwar it-Taxxa dwar il-Valur Mizjud, kemm ghaliex innifisha din l-attivita` ma kinitx attivita` ekonomika jew ta’ negozju u kemm ghaliex il-parametri ta’ din l-iskema, ossija l-Kunsill Lokali Zejtun, hija entita` pubblika u din l-attivita` ma taqax fil-lista ndikata fl-iskeda relattiva ghall-artikolu 5 bhala wahda mill-attivitajiet li, *a contrario sensu*, jaqghu taht ir-regim tal-VAT.

**6.** Mill-provi jirrizulta illi l-Kunsill Lokali taz-Zejtun fl-2010 organizza ghar-raba’ darba l-attivita` Zejt iz-Zejtun. Skond il-vici-sindku Joan Agius, hija talbet lill-appellanti (li hija membru f’sotto-kumitat) tara ssibx xi hanut li jtihom xi ftit souvenirs, ibighuhom u l-qliegh imur ghall-Knisja. Qalet li l-appellanti kienet biss voluntiera. Waqt spezzjoni li saret mill-ispetturi tal-VAT fil-25 ta’ Settembru 2010, instab li kien hemm *stall* li minnu kienu qeghdin jinbieghu mudelli ta’ karozzi tal-linja ghall-prezz ta’ zewg euro (2) u ma kinux qeghdin jinhargu rcevuti fiskali. Il-bejgh kien qieghed isir mill-appellanti. Meta l-ispetturi tal-VAT kellmuha, hija kellmet lill-vici-sindku li qaltilhom li tassumi r-responsabbilta` ghax l-appellanti kienet qed tghin lill-

Kunsill u l-intenzjoni taghhom kienet li jippromwovu l-folklor.

**7.** Fil-kawza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta' Frar 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rowina Borg** gie ttrattat kwistjoni fejn impjegat jista' jkun responsabbli ghall-ksur ghad-dispozizzjonijiet kontra din il-ligi. B'referenza ghas-sub-artiklu (2) ta' l-artikolu 82 il-Qorti qalet: "din id-dispozizzjoni, pero`, fiha nnifisha ma hi qed tohloq l-ebda reat; qed tipprovdi sempliciment ghar-responsabbilta` vikarja tal-principal jew tal-persuna registrata ghal dak l-ghemil jew nuqqas ta' l-impjegat jew persuna ohra. Fi kliem iehor, dak illi jaghmel jew jonqos milli jaghmel l-impjegat jew il-persuna l-ohra jitqies daqs li kieku ghamlu jew naqas milli jaghmlu l-principal jew persuna registrata; u, jekk dak l-ghemil jew nuqqas, li allura issa jitqies li sar jew li naqas milli jsir mill-principal jew il-persuna registrata, jammonta ghal reat taht xi dispozizzjoni tal-ligi, allura l-principal jew il-persuna registrata jkunu qed jikkommettu r-reat. Dan u dan biss huwa s-sens tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 82 – u cioe` li johloq ir-responsabbilta` vikarja tal-principal jew persuna registrata – u mhux li johloq responsabbilta` penali ta' l-impjegat jew tal-persuna l-ohra (li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' persuna registrata)."[1] Fil-kaz odjern l-appellanti kienet voluntiera u dak li kienet qed taghmel ma kien ghal ebda gwadann, anzi kienet qed taghmlu b'ghan filantropiku. Jigifieri din il-Qorti ma tistax tara kif setghet tinzamm kriminalment responsabbli ghan-nuqqas ta' haddiehor. Jekk kien hemm xi persuna illi setghet b'xi mod twiegeb ghan-nuqqas ta' hrug ta' rcevuti f'dan il-kaz kellha tkun il-vici-sindku u mhux l-appellanti.

**8.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u minnha tilliberaha.

---

[1] Ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Audrey Zammit**, 11 ta' Novembru 2011.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------